# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba’ Legislatura
Laqgħa Numru 12/2018

7 ta' Novembru, 2018

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Safi ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f’40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-3:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

12.1 Qari tal-Ittri ta’ apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsillier s-Sur Carlo Stivala kien ċempel illi ma kienx ser jattendi għal laqgħa għaliex kien għadu qiegħed jiġi rikoverat wara l-operazzjoni. Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Is-Sindku qal illi (ref punt 11.3.10) peress li fil-white paper kien qiegħed jiġi ssuġerixxit illi jiżdiedu r-Reġjuni u allura jistgħu jinbidlu l-Kunsilli minn xi Reġjuni, għal issa ma kinitx tagħmel sens illi toħroġ sejħa għal kuntratt ġdid tad-dawl u għalhekk l-istess kuntratt ser ikun *on hold*.

12.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi ref punt 11.2.12 l-applikazzjoni tagħna għal ismijiet ġodda kienet intleqgħet mill-bord u issa kienet ser tgħaddi għall-approvazzjoni finali.

12.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref 11.2.5 rigward l-appuntamenti kienu qiegħdin jibagħtu appuntament mill-ġdid.

12.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa kif konna bqajna fuq il-mera fi Triq ta' Gawhar. Is-Sindku qal illi kien kellem is-sid pero' ma jixtieqx illi teħel mera mal-faċċata tiegħu.

12.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward Sqaq Ħannux. Is-Sindku qal illi dik kienet ser tiġi diskussa aktar tard fil-laqgħa.

12.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ħdejn Ġnien Dun Karm Vella kien hemm massakru sħiħ bil-boroż tal-iskart mill-qtates. Il-Kunsill iddiskuta l-problema ta' min qiegħed jabbuża mill-iskart.

12.2.7 Is-Sindku qal illi x-xogħolijiet fi Triq il-Puniċi suppost kellu jerġa' jibda dak inhar pero' x-xita ma ppermettietx.

12.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward il-bankina fi Triq San Gwann. Is-Sindku kkonferma illi f'din l-istess triq ser isiru bankini ż-żewġ naħat.

12.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ref punt 11.3 kienux ġew jaraw fejn jistgħu jitħawlu s-siġar. Is-Sindku kkonferma illi diġa' kienu ġew jaraw il-lok u li kienu pjanaw l-agreement, pero' dan ma kienx għadu ġie preżentat lil Kunsill.

12.2.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ref punt 11.3.8 fuq ic-*central strip* li kienet saret. Is-Sindku qal illi din kienet saret kif kienu proponewha *Transport Malta* pero' mill-ewwel dehret li ma kinitx komda biex l-karozzi jduri magħha u għalhekk minħabba xi periklu tal-korozzi kellha titneħħa.

12.2.11 Il-Kunsill tkellem fuq it-triq li tagħti għal B'Bugia u qablu li l-ilma ma ġiex jaqleb kif kien miftiehem u għalhekk għandna nitfgħu *complaint*.

12.2.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk tal-ħanut tal-kantuniera f'Misraħ San Mattew kienx ser iħallas għal permess minħabba l-platform. Is-Sindku qal ili permessi bħal dawn jgħaddu għand il-lands jew MTA.

12.3 Komunikazzjoni Mis-Sindku

12.3.1 Is-Sindku qal illi kellu l-aħbar illi x-xogħolijiet fi Triq il-Kuċċard kellhom jibdew f'nofs Novembru. Huwa qal illi d-dewmien sabiex jibda x-xogħol kien minħabba li ma kienx hawn monitors tal-Arkeoloġija. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi tajjeb li meta x-xogħol jasal qrib id-djar għandha tintbagħat notifika lir-residenti.

12.3.2 Is-Sindku qal illi ried jagħti xi update fuq il-proġett tal-proġett permanenti l-*Walking Bus*. Huwa qal illi din kienet ser tkun inizjattiva għall-iskola primarja u li kien tkellem mal-kap tal-iskola sabiex insibu xi voluntiera' li għal issa kienet ser tkun miftuħa għal ġenituri li għandhom it-tfal tagħhom years 4,5,6. Is-Sindku qal illi ser jinxtraw raincoats sabiex anki meta tkun ix-xita ssir il-mixja, u qal ukoll illi sabiex nagħtu aktar inċentiv sabiex ikollna parteċipazzjoni sabiħa ser tinżamm attendenza u minn l-aktar jattendi jingħata ktieb.

12.3.3 Is-Sindku qal illi rigward Triq San Tumas, l-aħħar meeting li kellu mal-kuntrattura kienet baqgħet issostni illi x-xogħol bil-paver iż-żgħir xorta mhix ser jiġi sewwa. Huwa għarraf lill-Kunsill illi din ser tkun l-aħħar darba li stajna nġeddu u għalhekk jeħtieġ li nlestu għaliex inkella ser nibqgħu iffaċjati bil-problema tal-ilma. Is-Sindku qal illi l-kuntrattura kienet għamlet survey tat-triq u qiegħda ssostni illi l-problema tal-ilma fi Triq San Tumas kienet minn dejjem. Il-Kunsill qabel illi dan xorta ma jiġġustifikax x-xogħol ħażin li kienet għamlet u li għandna nibqgħu ninsistu illi jekk ma tirranġax t-triq ma konniex ser inħallsuha. Is-Sindku issuġerixxa illi għandna nagħtu ultimatum jekk hix ser tirranġa jew le sabiex aħna nkunu nistgħu niċċekjaw inkunux nistgħu nqabbdu kuntrattur ieħor bl-istess fondi. Il-Kunsill qabel.

12.3.4 Is-Sindku qal illi kellu kwotazzjoni tax-xogħol sabiex inkomplu l-parti li fadal fi Sqaq Ħannux. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur xorta jrid imur għand min għamel l-ewwel parti tal-isqaq għaliex huwa biss għandu dan il-print fil-konkos. Is-Sindku qal illi l-istima hija:
Konkos biss 20,000 Euro
Konkos bil-print bla kulur 36,000 Euro
filwaqt illi konkos bil-print bil-kulur titla' għal 72,000 Euro.

Il-Kunsill iddiskuta din l-istima u qabel illi hemm żball bħala kejl f'din l-istima għaliex l-isqaq ma fihx 800 metru kwadru. Il-Kunsill qabel illi għandna naraw jekk għandux żball fl-ammont.

12.3.5 Is-Sindku qal illi kien hemm sejbiet arkeoloġiċi ta' fdalijiet minn ġo bir antik fil-karwija li qiegħdin f'esebizzjoni. Huwa qal illi dawn il-fdalijiet li nstabu huma

mportanti ħafna u li kienu ser jitfgħu dawl fuq iż-żminijiet tan-nofs. Is-Sindku ssuġerixxa illi sabiex ikun hawn aktar għarfien, il-Kunsill għandu jorganizza ħarga kulturali sabiex inżuru din is-sejba u għal żmien Jum Ħal Safi kien staqsa jekk inkunux nistgħux norganizzaw esebizzjoni bil-fdalijiet l-Kunsill.

12.3.6 Is-Sindku qal illi issa li ġej il-Milied forsi nistgħu nżidu xi tiżjin mal-arbli vojta li hemm fil-pjazza. Il-Kunsill iddiskuta t-tiżjin tal-Milied u qabel illi apparti li nżidu t-tiżjin naraw nistgħux nirranġaw it-tiżjin ma baqax fi stat tajjeb.

12.3.7 Is-Sindku qal illi l-Kunsill rċieva invit sabiex isir Town Twinning mal-Kunsill ta' Rodeiro Spanja. Huwa qal illi l-ġranet illi għandna mmorru għal dan il-ġemellaġġ huma l-istess bħall-proġett illi sejrin il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus u l-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla jiġifieri bejn 10-16 ta' Diċembru. Il-Kunsill iddiskuta dan il-ġemellaġġ sabiex jaraw min jista' jattendi.

12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

12.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-lezzjonijiet mill-persuni barranin sejrin tajjeb ħafna.

12.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-*Blood Donation Unit* irringrazzjaw lil kull min attenda.

12.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet kif konna bqajna rigward d-devoluzzjoni tal-berġa l-antika. Is-Sindku qal illi għal ewwel it-talba tagħna ma kinitx ġiet milqugħa pero' issa jidher illi kien hemm xi żviluppi u l-applikazzjoni mxiet. Is-Sindku qal illi l-Awtorita tal-Artijiet qiegħdin fil-proċess illi jistabilixxu l-ammont tal-kirja.

12.4.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi qiegħed ikun hemm ħmieġ kbir fi triq ta' Gawhar u Triq il-Kenn. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi hekk kif kien daħal dan l-ilment kienet għaddietu lil Kuntrattur minnufih.

12.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet qiegħda tiċċekja ma Valletta 18 rigward il-ħarġa kulturali li ser nagħmlu għas-16 ta' Diċembru sabiex ikollna l-aħjar prezz.

12.4.6 Il-Kunsilliera staqsiet jistax il-Kunsill jitlob għal stima fejn kellna l-isleeping police fi Triq il-Feniċi.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus ġie skużat mill-laqgħa 17.15.

12.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward il-ġbir tal-ħwejjeġ għaliex ma kinitx ġiet diskussa waqt l-aħħar laqgħa. Is-Sindku qal li kien avviċinah sid il-

kumpanija *in between* il-laqgħat pero' ikkonferma illi la l-Kunsill u lanqas l-pubbliku mhux ser jidħlu fl-ispejjeż.

12.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi xtaq jiġbed l-attenzjoni illi fi Triq Dun Karm Lia hemm tabella li ma tagħmilx sens u għandha titneħħa. Is-Sindku kkonferma illi kien bagħat lil ħaddiema jaqilgħuha u li l-uniku tabella li kien fadal kienet l-STOP sign.

12.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi Triq San Gwann fejn qiegħdin jagħmlu l-bankini hemm xi kapitelli sabiex ma jitgħattewx. Is-Sindku qal illi kien għarraf lil kuntrattur bihom.

12.5 Tender Toroq u Bankini

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-kuntratt għal toroq u bankini kien tefa' t-tender kuntrattur wieħed biss u l-uniku kuntrattur kien rebaħ il-kuntratt. Hija qalet illi l-għaxart ijiem stand still period kienu għaddew, il-kuntratt ntrebaħ mill-uniku kuntrattur u għalhekk konna fil-proċess illi niffirmaw il-kuntratt.

12.6 Rapporti

Approvazzjoni tat-Tielet Kwart tal-Financial Report 2018

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet it-tielet kwart tal-Financial Statements Q3 (Lulju - Settembru). Dan ġie approvat sabiex jiġi uploadjat.

12.7 Attivitajiet tal-Milied

Is-Sindku qal li xtaq illi nissetjaw il-ġranet għal party tat-tfal u l-ikla tal-istaff sabiex nilħqu naħsbu. Il-Kunsill issuġerixxa bejn 21, 27 u 28 ta' Diċembru 2018 għal party tat-tfal, u bejn 19 jew 21 ta' Diċembru għal ikla għal istaff.

12.8 Korrispondenza

12.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva talba sabiex isir tlielaq bir-roti mingħand Agones fit-3 u l-10 ta’ Frar 2019. Il-Kunsill approva li għandhom isiru dawn it-tlielaq.

12.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet għaddietilhom e-mail mingħand is-Segretarja tas-Segretarju Parlamentari rigward l-laqgħa tar-residenti u entitajiet li kellha tkun fl-14 ta’ Novembru 2018.

12,8,3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kellha l-istima għal fuljett li kienet ta' 1133 Euro vat eskluż. Il-Kunsill approva din l-istima.

12.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Avukat Joe Sammut kienet ikkuntatjatu pero' ma setax jattendi waqt il-laqgħa.

12.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċievejna e-mail mill-AKL sabiex nidentifikaw spazju ta' parkeġġ li jkun għal car sharing. Il-Kunsill qabel illi dan il-parkeġġ għandu jkun fi Triq il-Menqa quddiem il-grawnd tal-futbol.

12.8.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċievejna cirkulari sabiex naplikaw għal inizjattiva favur korsijiet tal-*Lifelong Learning* 2018/19. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel illi għandna naplikaw sabiex jinxtara laptop u sabiex inħallsu l-purtinara.

12.8.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rcievejna cirkulari sabiex issir inizjattiva favur l-Eżercizzju Fiżiku u Sports. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel illi għandna naplikaw sabiex isiru Aerobic Lessons b'xejn fis-sala tal-Kunsill u li jinxtraw 3 gym equipment.

12.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

12.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-5:32pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 3 ta' Diċembru 2018 fit-3:00 pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv